A.L. 424 ta' 2010

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 31)

Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 40A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu. A.L. 22 ta' l-1985.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1985 dwar il-Kontroll tal-Mediċini, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf "MDMA, Tenamfetamine" u l-isem kimiku "dl-3,4methylenedioxy-N, α-dimethyl-phenylethylamine" għandu jiżdied dan li ġej:

Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf	*Isem kimiku*
"mephedrone (4-methylmethcathinone)	*2-methylamino-1-(4-methylphenyl) propan-1-one"*.